MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2003

Numru 804/2002

Il-Pulizija
(Sp Edel mary Camilleri)
vs
Nicholas Agius, iben John,
imwieled San Ġiljan fl-14 ta'
lulju, 1976
u
Massimo Galea, iben Emmanuel,
imwieled Pieta' fis-26 ta' frar, 1980

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati talli f'dawn il-Gżejjer, fis-16 ta' lulju, 2002 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda –
1. għamlu falsifikazzjoni f'atti awtentiċi u pubbliċi, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe' cheques ta' l-

Bank of Valletta li jappartjenu lill-Danomor Trading Agency ltd., billi ħalqu dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żiedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;
2. talli xjentement għamlu użu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;
3. talli fl-istess żmien iffalsifikaw ċedula, polza, ordni jew dokumenti oħra, illi meta jiġu prezentati w1ħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti jew jiġbor depozitu jew rahan minn uffiċju pubbliku, jew minn bank jew stabiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;
4. talli xjentement għamlu użu minnhon;
5. talli fl-istess żmien, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex iġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' ntrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex qanqlu tama jew biza' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qliegħ b'qerq ta' Lm469 għad-dannu ta' diversi persuni.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tat-23 ta' ottubru, 2002 fejn ta
l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' frar, 2003 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħhom.  Rat
l-artikoli 18, 183, 184, 167, 169, 308, 309 u 310 tal-Kodiċi Kriminali.  Fil-konfront
ta' l-imputat Nicholas Agius ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 5 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta għal perjodu ta' tlett snin taħt is-sorveljanza tal-Probation Officer Carmen Borg. Fil-konfront ta'

l-imputat Massimo Galea ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.

---------------------------------TMIEM---------------------------------